MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2013

Avviz Numru. 191/2012

**Central Cement Limited (C6108)**

**vs**

**Goliath Developments Limited (C14668)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici Central Cement Limited li gie pprezentat nhar it-tletin (30) ta' Mejju 2012 fejn:

*"Tesponi bir-rispett u John Mary sive Jimmy Sammut (ID 193051M) bhala Direttur u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Central Cement Limited, bil-gurament tieghu jikkonferma:*

*Illi permezz ta' Ittra Ufficjali mibghuta mis-socjeta' esponenti lis-socjeta' Goliath Developments Limited (C14668) ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-*

*Ligijiet ta' Malta, datata 13 ta' Settembru 2005, Ittra Numru 7517/05, liema ittra giet ukoll konsegwentament registrata a tenur tal-artikolu 166B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Annessa Dok. "CC1"), s-socjeta' esponenti kienet giet kanonizzata kreditrici tas-socjeta' Goliath Developments Limited (C14668) fl-ammont ta' elf, hames mija hamsa u erbghin lira u tnejn u tletin centezmu (Lm1,545.32), illum ekwivalenti ghal tlett elef, hames mija u disgha u disghin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€3,599.63), bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-valur ta' diversi konsenji ta' materjal ghall-kostruzzjoni mibjugha u kkonsenjati lil Goliath Developments Limited (C14668), l-ispejjez relattivi ghall-istess ittra ufficjali, li jammontaw ghal tmienja u hamsin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm58.47), illum ekwivalenti ghal mija sitta u tletin ewro u ghoxrin centezmu (€136.20), skond ma jidher ukoll mill-annessa taxxa (Dok. "CC2") u bl-imghax dekorribli mit-28 ta' Mejju 2003 sad-data tal- effettiv pagament.*

*Illi sallum, nonostante diversi interpellazjonijiet ghall-hlas, l-intimata baqghet ma hallsitx is-sorte fl-ammont ta' tlett elef, hames mija u disgha u disghin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€3,599.63), u lanqas l-imghaxijiet dekorribli mit-28 ta' Mejju 2003 u lanqas l-ispejjez gudizzjarji ai termini tal-precitata Ittra Ufficjali.*

*Illi mid-data minn meta l-imsemmija Ittra Ufficjali bdiet tikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghaddew aktar minn tliet snin ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi s-socjeta' rikorrenti ghandha interess illi l-istess titolu ezekuttiv jerga' jigi rez ezekuttiv u inforzabbli sabiex tkun tista' tezegwixxi ghall-hlas tal-kreditu taghha hawn fuq imsemmi.*

*Ghaldaqstant, is-socjeta' esponenti titlob ir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti li ai termini tal-artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jigu ravvivati d-drittijiet taghha kontra s-socjeta' konvenuta u b'hekk Ittra Ufficjali mibghuta mis-socjeta' esponenti lis-socjeta' Goliath Developments*

*Limited (C14668) ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, datata 13 ta' Settembru 2005, Ittra Numru 7517/2005; liema ittra giet ukoll konsegwentement registrata a tenur tal-artikolu 166B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Annessa Dok CC1) u tawtorizzahha tezegwixxi l-imsemmija Ittra Ufficjali, salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.*

*Bl-ispejjez."*

Rat illi s-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta posittiva tal-Marixxal Julian Caruana datata 10 ta' April 2013 fejn thalliet kopja tal-avviz fil-Kunsill Lokali ta' Kirkop u fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Kirkop.

Illi l-konvenut gie notifikat b'din il-kawza ukoll permezz ta' avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern datata 16 ta' April 2013 u fil-gazzetta lokali The Times datata 15 ta' Mejju 2013 (fol. 27 u 32).

Illi fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2013 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2013 is-socjeta' konvenuta giet msejha izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, hames mija u disgha u disghin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€3,599.63) likwidata minnha ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kif mitluba fir-rikors promotur kontra s-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------